MALTA

# QORTI CIVILI
## PRIM' AWLA
### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014
Mandat Numru. 184/2014/1

**Fl-Atti tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru 184/2014 JZM fl-ismijiet :**

**C and M Contractors Ltd**

***kontra***

**Attard Elasrag Company Ltd u b`digriet tas-17 ta` Frar 2014 l-isem gie jaqra Villa Robinich Company Limited (C-25963)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fit-3 ta` Frar 2014 fejn ir-rikorrenti – ghar-ragunijiet spjegati fir-rikors u konfermati bil-gurament minn Carmelo Mangion – talab lill-Qorti sabiex izzomm lill-intimata milli –

*Tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b`titolu oneruz jew gratuwitu xi propjeta`, u b`mod partikolari Villa Robinich, bin-numru ufficjali sebgha (7) mibnija fuq plot immarkati bhala plot numri hamsa (5), sitta (6), sebgha (7), tmienja (8), wiehed (1), tnejn (2), disa` (9) u tlettax (13) mill-art maghrufa bhala "Tal-Patri" sive` "Taz-Zwieten" gewwa l-Fgura, fi Triq il-Kuluvert, kantuniera ma` Triq il-Venewwa.*

Rat illi r-raguni ghala r-rikorrenti qeghda tressaq it-talba hija *peress li l-esponenti fil-kawza (Rikors Guramentat 229/2012 MCH) qieghda titlob li s-*

*socjeta` ntimata tigi kkundannata thallas l-ammont ta` tlett mija u tmien t`elef u mija u sitta u sebghin ewro (Ewro 308,176) u skond l-esponenti l-propjeta` hawn indikata hija l-unika assi tas-socjeta` intimata li permezz taghha l-ammont mitlub fil-kawza hawn indikata jista` jigi sodisfatt.*

Accertat illi r-rikorrenti fil-fatt ipprezentat ir-rikors guramentat li ghalih ghamlet riferenza.

Ikkostatat l-kontenut tal-istess rikors guramentat limitatament ghall-fini tal-procediment tal-lum.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta` Frar 2014 fejn laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimata u tatha ghaxart (10) ijiem zmien biex twiegeb bil-miktub, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tas-17 ta` Frar 2014 fid-9.30 a.m.

Rat li l-intimata kienet notifikata fit-3 ta` Frar 2014.

Rat ir-risposta li l-intimata pprezentat fil-5 ta` Frar 2014 fejn – ghar-ragunijiet li semmiet – talbet lill-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti – bl-ispejjez kontra taghha.

Rat id-dokumenti li l-intimata pprezentat flimkien mar-risposta.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta` Frar 2014.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn awtorizzat il-korrezzjoni tal-isem tal-intimata billi minflok dak indikat jigi jaqra "Villa Robinich Company Limited" billi kien hemm bidla biss fl-isem tal-kumpannija intimata ghax in-numru tar-registrazzjoni taghha mar-Registratur tal-Kumpanniji baqa` l-istess.

Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat id-digriet illi l-Qorti tat fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera.*

**Ikkunsidrat** :

Id-difiza li l-kumpannija intimata qeghda taghmel kontra t-talba tal-kumpannija rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat hija principalment impernjata fuq il-kontenzjoni li l-kumpannija rikorrenti m`ghandhiex *locus standi* fil-procediment tal-lum ghaliex jirrizulta li l-kumpannija rikorrenti cediet u assenjat id-drittijiet li kellha fil-konfront ta` l-kumpannija intimata lil socjeta` ohra Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limited (C31341) – li mhijiex parti fil-procediment tal-lum.

Il-Qorti tinnota li l-kumpannija rikorrenti ghazlet illi jitlob il-hrug tal-Mandat abbazi tal-**Art 874(1) tal-Kap 12** li jaqra hekk –

*Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jizgura dejn, jew kull pretensjoni ohra li tkun tammonta ghal mhux inqas minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex izomm lid-debitur milli jbiegh, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tigi indikata fir-rikors b'titolu oneruz jew gratuwitu jew b'xi mod johloq piz jew drittijiet reali u, jew personali; izda dak il-mandat ma jghoddx ghall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skond ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.*

**Tnejn** huma r-rekwiziti li titlob din id-disposizzjoni –

1) It-talba trid issir minn kreditur ; u
2) Il-kreditu ma jridx ikun ta` inqas minn €11,646.86.

L-Art 874(1) m`ghandux jinqara bhallikieku jikkonfliggi mal-Art 873 ghaliex fir-realta` ma hemm l-ebda konflitt bejn iz-zewg disposizzjonijiet.

L-Art 873 huwa aktar generiku mill-Art 874 u ghax hu mahsub biex ikun hekk jimponi rekwiziti ad hoc l-aktar ir-rekwizit tal-"pregudizzju rrimedjabbli" li kien koltivat u zviluppat mill-gurisprudenza aktar milli mit-test strett tal-ligi, rekwizit dan illi mhuwiex inkluz fl-Art 874.

It-talba ghall-hrug tal-Mandat skond l-Art 874 hija ghodda **ohra** (innota l-frazi "**ukoll**") li ghandu mhux kull min jallega li ghandu jedd "prima facie" li se jkun pregudikat b`mod irrimedjabbli izda li ghandu kreditur b`debitu favur tieghu li jaqbez l-€11,646.86.

Kif taraha din il-Qorti, il-*punto d`incontro* bejn iz-zewg disposizzjonijiet huwa, anke ghall-fini tal-Art 874(1), li l-kreditu jrid jirrizulta minn dritt "prima facie".

Biex nigu allura ghad-difiza tal-kumpannija konvenuta fil-procediment tal-lum – jekk is-socjeta` attrici ma tkunx "kreditur" ghaliex "prima facie" hi (mhux haddiehor) m`ghandhiex "kreditu" kontra s-socjeta` intimata ma tistax tressaq talba ghall-hrug tal-Mandat skond l-Art 874(1).

Ghalkemm waqt it-trattazzjoni, id-difensuri tal-partijiet kellhom it-tentazzjoni li jidhlu fil-mertu tal-kwistjoni ta` bejniethom, specjalment meta beda jsir accenn ghall-quantum, il-Qorti ghamlitha cara waqt l-udjenza – u qeghda terga` taghmel car anke issa – illi **mhuwiex** il-kompitu taghha llum illi tghid jekk il-pretensjoni tas-socjeta` rikorrenti skond il-konvenju in kwistjoni hijiex fondata nkella le **fil-mertu**. Dak l-accertament tkun trid taghmlu l-Qorti li trid tittratta *funditus* l-mertu tal-pretensjoni tar-rikorrent noe u d-difiza tal-intimat kontra dik il-pretensjoni. Din il-Qorti trid taghmel car il-hsieb taghha fis-sens illi bil-fatt li tkun akkolta talba ghall-hrug ta' l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd vantat huwa ppruvat. Kif daqstant iehor lanqas ma jfisser illi l-fatt li talba ghall-hrug ta' l-Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix. L-accertamenti ta` fatt u ta` dritt **fil-mertu** jrid jigu determinati f`sede ohra.

Mid-dokumenti li kienu prezentati, u mis-sottomissjonijiet illi saru, il-Qorti sejra tislet biss dawk li jolqtu l-procediment **specjali** tal-lum u cioe` jekk ir-rikorrenti ghandhiex - inkella le – jedd oggettiv *prima facie* kontra l-kumpannija intimata.

Mid-dokumenti li s-socjeta` intimata pprezentat flimkien mar-risposta taghha, jirrizulta illi permezz ta` skrittura privata tas-6 ta` Marzu 2012, is-socjeta` rikorrenti assenjat u ttrasferiet a favur tal-kumpannija Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limited id-drittijiet kollha (inkluzi drittijiet litigjuzi) li s-socjeta` rikorrenti ghandha fil-konfront tas-socjeta` intimata naxxenti minn konvenju datat 3 ta` Marzu 2007 ghall-kompravendita tal-immobbli ndikat mis-socjeta` rikorrenti fit-talba taghha tal-lum. Bhala konsiderazzjoni ghal din l-assenjazzjoni u trasferiment ta` drittijiet, saret tpacija ta` kreditu li s-socjeta` Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limited kellha kontra s-socjeta` rikorrenti. L-ammont tat-tpacija kien €308,176 li kien is-socjeta` rikorrenti hallset lis-socjeta` intimata bhala akkont tal-prezz tal-kompravendita. Il-konvenju skada, id-depozitu baqa` ghand is-socjeta` intimata u l-kawza (li ghaliha s-socjeta` rikorrenti rreferiet fit-talba taghha) saret sabiex is-socjeta` intimata tirrifondi d-depozitu. Fil-15 ta` Mejju 2012, Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limited ipprezentat ittra ufficjali kontra s-socjeta` intimata skond l-Art 1471 tal-Kap 16 fejn infurmat lis-socjeta` intimata ghall-fini u effetti tal-ligi bl-iskrittura tas-6 ta` Marzu 2012.

Abbazi ta` dawn il-fatti, il-Qorti tghid illi s-socjeta` rikorrenti ma ghandhiex jedd ***prima facie*** biex tressaq it-talba ghall-hrug tal-Mandat billi abbazi tal-fatti riskontrati fil-procediment tal-lum, bhala konsegwenza tal-iskrittura tas-6 ta` Marzu 2012, u bhala effett tal-ittra ufficjali tal-15 ta` Mejju 2012 li s-socjeta` intimata taccetta li rceviet, is-socjeta` rikorrenti ma hijiex ***prima facie*** "*kreditur*" tas-socjeta` intimata. Ladarba mhumiex sodisfatti r-rekwiziti kollha, il-Qorti ma tilqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat.

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti qeghda :**

**1) Thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tat-3 ta` Frar 2014 safejn kienet laqghet it-talba provvizorjament.**

**2) Tichad it-talba għall-hrug tal-Mandat billi ma jirrizultawx l-elementi mitluba mil-ligi ghall-hrug tieghu.**

**3) Tordna li l-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------